Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,318, 24 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 235 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut għat-Tħassir tal-Istatuti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut li ġie magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(1)(2) u 77(ċ)(d) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-Istatut jista' jissejjaħ bħala l-Istatut għat-Tħassir tal-Istatuti.

It-Tħassir

2. L-Istatuti li ġejjin huma b'dawn imħassrin:

(a) L-Istatut għall-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivjaġġar u l-Kultura, ippubblikat fl-Avviż Legali 552 tal-2010 u emendat bl-Avviż Legali 157 tal-2015;

(b) L-Istatut għall-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk, ippubblikat fl-Avviż Legali 320 tal-2009.